# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis sebgha (7) ta' Dicembru 2017**

**Rikors Numru 183/15 FDP**

**Argus Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Victor Galea ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip Comprehensive u ai termini tal-Ligi u l-istess Victor Galea (ID 660637M)**

**vs**

**Kevin Micallef**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid-19 ta' Gunju 2015 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallashom is-somma ta' tmien elef, tlett mija u tlieta u disghin Euro u wiehed u tletin centezmu (€8,393.31) rappresentanti kumpens ghall-hsara sofferta minn Victor Galea u mhallsa mis-socjeta rikorrenti bhala assikuratur meta, bejn is 7 u it-8 ta' Novembru 2014, hajt propjeta' ta' l-intimat gewwa Triq il-Fliegu, San Pawl il-Bahar, waqa fuq il-vettura LCT061, propjeta' ta' Victor Galea, liema hajt waqa rizultat ta' nuqqas da parte ta' l-intimat li jassikura li l-hajt ikun fi stat ta' manutenzjoni tajjeb, liema hsarat jinkludu tmien elef, tlett mija u tmienja u tletin Euro u wiehed u tletin centezmu (€8,338.31) imhallsa mis-socjeta rikorrenti w is-somma ta' hamsa u hamsin Euro (€55) imhallsa mir-rikorrent Victor Galea bhala excess.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fil 21 ta' Ottubru 2015 fejn laqa' ghal dak mitlub billi sahaq illi ma kienx minnu li l-hajt ma kienx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni filwaqt illi stqarr li l-hajt kien waqa rizultat ta' 'freak storm' illi kien hakem iz-zona u li wasslet ghal maltempata kbira li waqqghet il-hajt. Huwa eccepixxa wkoll illi r-rikorrenti kellhom jressqu provi dwar il-hsarat taghhom.

Rat l-affidavit ta' **Simon Paris**, Claims Manager tas-socjeta rikorrenti, ippresentat fit 3 ta' Dicembru 2015 u d-dokumentazzjoni minnu esebiti.

Rat l-affidavit ta’ **Victor Galea**, ippresentat fit 3 ta’ Dicembru 2015 flimkioen mad-dokumentazzjoni minnu esebiti, inkluz ritratti tal-akkadut.

Semghet ix-xhieda tal-**PC 1339 Angelo Cutajar** u tal-**WPS 274 Francesca Quattromani** moghtija fil-15 ta’ Frar 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebiti.

Semghet ix-xhieda ta’ **Walter Vella**, surveyor, moghtija fil 25 ta’ April 2016 u rat is-survey report minnu ppresentat.

Rat l-affidavit ta’ l-istess Walter Vella ppresentat fid 9 ta’ Gunju 2016.

Rat illi fid 9 ta’ Gunju 2016 ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw.

Semghet il-kontro ezami ta’ Walter Vella illi saret fis 17 ta’ Ottubru 2016 u rat ir-ritratti minnu esebiti.

Semghet ix-xhieda ta’ **Joseph Schiavone** rappresentant tal-Ufficcju Meterologiku, moghtija fis 17 ta’ Ottubru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentati, ossija rapporti tat-temp tas 7 u tat 8 ta’ Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Kevin Micallef** moghtija fl-20 ta’ Frar 2017.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Antonio Muscat** moghtija fl-4 ta’ Mejju 2017.

Rat illi fit-22 ta’ Gunju 2017 il-partijiet qabblu illi ma kienx hemm aktar provi x’jippresentaw u l-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensur tar-rikorrenti ppresentata fis 26 ta’ Settembru 2017.

Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensur ta’l-intimat ppresentata fl-20 ta’ Novembru 2017.

Rat illi fl-20 ta’ Novembru 2017 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi Victor Galea huwa sid ta’ vettura tal-ghamla Citroen bin-numru ta’ regsitrazzjoni LCT 061, liema vettura giet pparkjata mill-istess rikorrent gewwa Triq il-Fliegu, San Pawl il-Bahar, biswit hajt illi kien jaghlaq propjeta’ ta’ l-intimat.

Jirrizulta illi l-istess Galea pparkjaha hemmhekk fis 7 ta’ Novembru 2014, ghal habta tas-sebgha/tmienja ta’ filghaxija.

Jirrizulta illi dakinhar kienet ghamlet maltempata kbira, li r-rikorrent Galea stess iddeskriva bhala “tempesta kbira”.

Jirrizulta illi l-ghada, ghal habta tal-10 ta’ filghodu, Galea mar biex jiehu l-vettura u nduna illi kien waqa il-hajt tal-bricks illi kien hemm jaghlaq il-propjeta’ ta’ l-intimat.

Jirrizulta illi, bhala rizultat tal-waqa’ tal-gebel, il-vettura tar-rikorrent soffriet hsarat estensivi fuq il-karozza kollha, kif jidher fir-ritratti ippresentati kemm mir-rikorrent stess (fol 56 sa 60) u s-surveyor Walter Vella (fol 89 sa 92 u 105 sa 110)

Jirrizulta illi bhala konsegwenza tal-incident, is-socjeta rikorrenti hallset tmien elef, tlett mija u tmienja u tletin Euro u wiehed u tletin centezmu (€8,338.31) filwaqt illi ir-rikorrent Victor Galea hallas is-somma ta' hamsa u hamsin Euro (€55) bhala excess.

**Ikkunsidrat**

L-intimat, fid-difiza tieghu, sahaq illi ma kienx minnu illi l-hajt kien mizmum fi stat hazin ta' manutenzjoni filwaqt illi insista li l-hajt waqa rizultat ta' "freak storm" u mhux tort tieghu.

L-Artikolu 1029 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:

> *Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.*

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghal dak illi gie osservat fil-kawza "**Anthony Pirotta vs Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 2002, fejn intqal is-segwenti:

> *"Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna "'il-forza magguri' hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri 'kaz fortuwitu' huwa dak l- avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza" (**Delia v. Segretarju Permanent et, Appell (Inferjuri)19/05/2004 u Borg Falzon v. Darmanin, Appell Kumm. 7/06/1940**), kif ukoll "il caso fortuito o la forza maggiore e' l'evento non dipendente da azione o omissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile" (**Azzopardi v. Arcicovich et, Appell Civili, 14/11/1919, Vol. XXIV, PI, p.172**). Biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event imprevedibbli u inevitabbli. It-test ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` o meno ta' l-event huwa dak tad-diligenza tal-'bonus pater familias' fejn in-nuqqas taghha jirrizulta f'colpa (**Kurunell Hugh v. Negte Busuttil, Appell Kummercjali, 16/11/1942**). Jekk jirrizulta mill-fatti li kien hemm konkorrenza ta' agir pozittiv jew negattiv tal-persuna allura l-event ma jibqax jinghad li kien kaz fortuwitu (**App.Inf. Falzon vs Formosa 4/12/1991**).*

Tali taghlim jindika illi irid ikun hemm kemm l-element tal-imprevedibilita kif ukoll l-element ta' nuqqas ta' kontributorjeta' mill-persuna illi kontriha qieghda ssir it-talba ta' risacriment, fil-kaz odjern, l-intimat.

Dwar l-imprevedibilita, il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal dak osservat mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawza '**Middlesea Insurance plc et vs Waldorf Auto Services Co. Limited et**' deciza fis-17 ta' Novembru 2017 fejn dik il-Qorti qalet hekk:

> *Sabiex jissussisti l-casus l-event irid ikun irreżistibbli.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, skond ix-xhieda tar-rappresentant tal-Ufficcju Metereologu illi Malta kienet milquta minn ciklu zghir, hekk imsejjah "Medicane", liema ciklun laqghat il-Gzejjer Maltin b'rih illi lahaq l-oghla velocita' ta' 57 knots, ossija aktar minn 105 kilometri fis-siegha, ghal habta tas-18.50pm, u baqa' sejjer ta' l-ghada filghodu meta beda jnaqqas ir-rih, filwaqt illi filghaxija kien hemm ukoll maltempata bis-sajjetti. (fol 116-117)

Jirrizulta illi skond rappurtagg illi deher fil-mezzi tax-xandir kif ukoll fuq siti elettronici, fil-gurnata ta’ bejn is 7 u 8 ta’ Novembru 2014, il-maltemp ikkawza hafna hsarat tul Malta u Ghawdex, u di fatti, l-istess rikorrent jiddeskriviha bhala “tempesta kbira” (fol 54)

Jirrizulta illi, skond ix-xhieda tal-Perit Antonio Muscat, il-hajt kien ittella sew, tant illi kien ilu fuq il-post ghal aktar minn hmistax-il sena qabel ma waqa’ filwaqt illi ikkonferma li la darba l-hajt kien biss ‘boundary wall’ kien suggett ghall-possibbilta’ illi jaqa’ f’kaz ta’ hurricane jew ciklun, bhalma gara fil-kaz odjern, peress illi ma ghandhux soqfa biex jzommuh (fol 129-130).

Jirrizulta, ghalhekk, illi fil-kaz odjern jesistu l-elementi kollha stabbiliti fis-sentenza fuq citata ta’ Pirotta, fejn jidher illi kien hemm forza magguri, illi certament ghandhu jitqies bhala irresistibbli, u dana billi kien hemm ciklun zghir u rari li laqat il-gzejjer Maltin, liema ciklun wassal ghall-kaz imprevedibbli u sfortunat ghar-rikorrent Victor Galea tat-twaqqiegh ta’ hajt illi kien ilu hemm ghal aktar minn hmistax-il sena izda li ghalih ma jistax jinstab responsabbilta’ fl-intimat, kif tikkontendi s-socjeta rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha u

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa’** t-tieni u tielet eccezzjoni ta’ l-intimat, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici kif dedotti

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tas-socjeta rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur